

# Il-Mejda tal-Qubbajt.

Smajtuha xi darba l-frażi, "Qisek il-mejda tal-Qubbajt"? tafu xi jfisser meta xi ħadd jgħidlek hekk? Dan ifisser tmur kull festa li ssir. Għaliex il-mejda tal-Qubbajt hija parti mill-armar tal-festa biex ngħidu hekk. Ma ssirx festa jekk ma tarax lil tal-Qubbajt.

Hija tradizzjoni antika ħafna li l-familji kienu jittrattaw tajjeb lilhom infushom billi waqt il-festa kienu jixtru biċċa qubbajt. Barra t-tjubija tal-qubbajt din il-mejda għandha valur ieħor importanti. Din  mhix mejda sempliċi imma tkun mejda armata sabiħ maħduma fl-injam u jkun fiha diversi tinqix u anke hemm min iżidilha xi ċfuf u blalen ileqqu biex ikompli jżejjinha.

Din it-tradizzjoni hija tradizzjoni antika marbuta mal-festa. Illum fil-festi tagħna naraw ħafna bankarelli ta' ikel kummerċjali bħalma huma burgers, hotdogs, tal-ġugarelli u oħrajn. Fl-antik fil-festi kien jarmaw biss tal-qubbajt u aktar tard tal-pastizzi.

Meta tmur l-ewwel festa fittixha din il-mejda... u jekk tmur aktar minn festa waħda, għid lilek innifsek, "Qisni mejda tal-Qubbajt".

kultura

# Aghti l-kulur




kultura